# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 63/2022: **INSPIRATIONS LIMITED (C41431) V. SAM CASSAR (KI. 353286M)**

(AMMONT DOVUT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Jannar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Inspirations Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2022[1] li permezz tiegħu talbet lil Sam Cassar ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> **'jħallas is-somma ta' sitt elef mitejn u erba' u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,234.94) u dan skond ir-rikors hawn anness u mmarkat bħala 'Dok D"'**

wara li rat li fir-rikors imsemmi, mmarkat bħala 'Dok D', ir-rikorrenti daħlet f'iżjed dettal dwar it-talba tagħha u pprovdiet kif ġej:

> **'1. Illi s-soċjetà esponenti tinsab kreditriċi tal-intimat fis-somma ta' sitt elef mitejn u erba' u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,234.94) għal servizzi esegwiti u mogħtija u għall-merkanzija mibjugħa lill-istess intimat fuq inkarigu tiegħu stess hekk kif jidher dettaljat fil-kuntratti u r-rendikont hawn annessi u mmarkati Dokumenti A, B u C rispettivament.**
>
> **2. Illi minkejja li r-rendikonti imsemmija ntbagħtu lill-intimat, u inoltre s-soċjetà rikorrenti interpellatu diversi drabi sabiex iħallas il-bilanċ huwa baqa' inadempjenti.**
>
> **Għaldaqstant prevja kull dikjarazzjoni li tista' tirriżulta meħtieġa s-soċjetà esponenti titlob bir-rispett li, għar-raġunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**
>
> **I. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà esponenti fis-somma ta' sitt elef mitejn u erba' u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,234.94)**

[1] Fol 1-7

**II. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà esponenti s-somma ta' sitt elef mitejn u erba' u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,234.94)**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ġudizzjarja numru 2013/2019 u bl-imgħaxijiet kummerċjali inklużi dawk dovuti skond l-Artikoli 26A sa 26E tal-Kodiċi tal-Kummerċ u d-Direttiva 2011/7EU sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-bastiment (sic!) konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.'**

**jħallas, previa kull dikjarazzjoni u provvediment illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, is-somma ta' erbatax -il elf, tliet mija u dsatax -il Ewro u erbgħin ċenteżmu (€14,319.40) rappreżentanti l-bilanċ dovut mill-intimat mill-prezz ta' xogħolijiet u materjal provduti lilu mir-rikorrent fil-fond 'Michael Apartments', Triq San Mikiel kantuniera ma' Triq San Franġisk, San Ġwann, fuq inkarigu tal-intimat stess, u dan kif jirriżulta mir-rendikont anness u mmarkat bħala Dok SD1;**

**Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-ittra uffiċjali bin-numru 500/2022 datata 4 ta' Frar 2022 (kopja ta' liema ġiet annessa u mmarkata bħala Dok SD2 ) u bl-interessi mid-data tal-preżentata ta' dan l-avviż kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.'**

wara li rat li bl-Ordni *in camera* tagħha tat-11 ta' April 2022[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimat sabiex jippreżenta risposta entro għoxrin (20) ġurnata li jiġi notifikat bir-rikors promotur u b'dik l-Ordni,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur u bl-Ordni tagħha fit-23 ta' April 2022[3] iżda dan baqa' ma daħħal l-ebda risposta fil-perjodu stipulat,

wara li rat bl-Ordni *in camera* tagħha tas-26 ta' Lulju 2022[4] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* appuntat l-kawża għas-smiegħ għall-10 ta' Ottubru 2022 u dan sabiex il-kumpanija rikorrenti tressaq il-provi tagħha,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bl-avviż tas-smiegħ fit-12 ta' Awissu 2022[5],

wara li rat li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2022 fuq talba tal-avukat difensur tal-intimat, mhux opposta mir-rikorrenti, il-Qorti akkordat terminu addizzjonali ta' għoxrin ġurnata sabiex l-intimat jippreżenta risposta[6] u ħalliet il-kawża għall-21 ta' Novembru 2022 għall-provi tal-kumpanija rikorrenti,

wara li rat li r-risposta tal-intimat baqgħet ma daħlietx entro t-terminu ġdid stipulat lilu,

wara li rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022 ma deher ħadd u l-Qorti ddiferiet il-kawża għall-aħħar darba għall-provi tar-rikorrenti għat-30 ta' Jannar 2023[7],

---

[2] Fol 8
[3] Fol 10 wara
[4] Fol 11
[5] Fol 14 wara
[6] Fol 17
[7] Fol 18

wara li rat li fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 il-kumpanija rikorrenti għalqet il-provi tagħha u l-Qorti ddiferiet il-kawża għat-8 ta' Mejju 2023 għall-provi tal-intimat[8],

wara li rat li fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023 il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet kien jinsabu f'taħditiet sabiex jippruvaw jilħqu ftehim u għalhekk il-kawża ġiet differita għaċ-ċessjoni għall-5 ta' Ġunju 2023[9],

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2023 il-Qorti ġiet infurmata li t-transazzjoni ma seħħietx u għalhekk il-kawża ġiet differita *"għall-provi tal-intimat b'dan illi jekk jonqos milli jressaq provi fis-seduta li jmiss il-Qorti ser tiddikjara l-provi tiegħu magħluqa"*[10],

wara li rat li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 ġie verbalizzat kif ġej mill-Qorti: *"Dr Borg Rizzo tinforma lil Qorti li avukat li taħdem fl-istess uffiċċju ta' Dr Gouder avviċinata qabel is-seduta biex tavżaha li l-intimat Cassar qiegħed l-isptar u għaldaqstant intalab differiment. Il-Qorti tosserva illi l-kawża illum kienet imħollija għall-provi kollha tal-intimat bl-intiża illi jekk ma jidhirx, il-Qorti tiddikjara l-provi tiegħu magħluqa. Fiċ-ċirkustanzi il-Qorti għalkemm qed tosserva illi Dr Borg Rizzo mhux qed toġġezzjona għad- differiment, qed tordna lill-intimat jesebixxi entro 20 ġurnata mil-lum dokumentazzjoni uffiċjali li turi u tiġġustifika in-nuqqas tiegħu li jidher illum. Kawża qiegħda tiġi differita f'dan l-istadju, għall-provi kollha tal-intimat, għat-13 ta' Novembru 2023 f'11:40am salv għal dak li jista` jiġi dekretat fil-mori f'każ illi ma tidħol l-ebda nota min-naħa tal-intimat jew f'każ illi tali nota ma tkunx a sodisfazzjon tal-Qorti*"[11],

wara li rat illi fl-10 ta' Novembru 2023, ossia tlett ijiem qabel is-seduta sussegwenti, ġiet ippreżentata nota mill-avukat difensur tal-intimat permezz ta' liema l-Qorti ġiet infurmata illi l-avukat kien ser ikun imsiefer u għalhekk indispost sabiex jassisti lill-intimat u inoltre illi l-intimat kien għadu rikoverat l-Isptar u għalhekk ma kellux kuntatt miegħu[12],

wara li rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023 ġie verbalizzat kif ġej mill-Qorti: *"Il-Qorti rat in-nota ta' Dr Charlon Gouder ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2023 ...Il-Qorti rat illi din in-nota qatt ma ġiet a konjizzjoni ta' Dr Borg Rizzo u rat ukoll li dak ordnat fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 u ċioe` illi l-intimat jippreżenta dokumentazzjoni biex jiġġustifika in-nuqqas tiegħu milli jidher, ma ġietx osservata. Il-Qorti tqis illi l-intimat kellu diversi modi sabiex jagħmel dan mill-10 ta' Lulju 2023 u tqies in-nuqqas tieghu milli jidher illum bħala nuqqas mhux ġustifikabbli. Għaldaqstant il-Qorti qed tagħlaq il-provi tal-intimat. Il-Qorti rat illi Dr Borg Rizzo ma għandiex trattazzjoni x'tagħmel u qed tilqa` t-talba sabiex tmur għas-sentenza. Kawża qiegħda tiġi differita għas-sentenza, għad-29 ta' Jannar 2024 fid-09:30am",*

---

[8] Fol 30
[9] Fol 41
[10] Fol 42
[11] Fol 43
[12] Fol 45

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavit li ġie ippreżentat mill-kumpanija rikorrenti,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża tikkonċerna l-ammont ta' € 6,234.94 li l-kumpanija rikorrenti tippretendi bħala ammont dovut lilha mill-intimat rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi mogħtija u merkanzija konsenjati u mibjugħa lill-intimat fuq ordnijiet tiegħu stess.

2. Ir-rikorrenti topera l-istabbiliment magħruf bħala "The Atrium" filwaqt li l-intimat kien klijent tagħha li jixtri l-merċa mingħandha. L-intimat kien użufruwixxa ruħu mill-possibilità li minflok iħallas fil-pront, iħallas bil-mod permezz ta' skema msejjħa *FlexiPay.*

3. Mar-rikors promotur ir-rikorrenti ppreżentat żewġ kuntratti separati ta' *direct debit* datati 26 ta' Awwissu 2016[13] u 10 ta' Ottubru 2016[14] rispettivament, ffirmati mill-partijiet, li permezz tagħhom ir-rikorrenti kienet ingħatat il-fakolta' mill-intimat li kull xahar tiġbed somma flus mill-kont bankarju abbinat mal-*credit cards* tiegħu. L-ewwel kuntratt jistipula illi l-kumpanija rikorrenti setgħet tiġbed l-ammont ta' € 172.22 kull xahar għal 36 xahar mill-*credit card* bin-numru 588700002495264 filwaqt li t-tieni wieħed jipprovdi illi r-rikorrenti setgħet tiġbed l-ammont ta' € 52.71 kull xahar għal 18-il xahar mill-*credit card* bin-numru 588700001684695. Ġie ppreżentat ukoll prospett datat 30 ta' Mejju 2019[15] li jindika li saż-żmien ta' meta nfetħet il-kawża l-bilanċ kien dak ta' €6,234.94.

4. Il-*financial controller* tar-rikorrenti, **<u>Vittorio Bruno</u>** essenzjalment kkonferma s-suespost permezz tal-affidavit tiegħu ppreżentat fl-20 ta' Marzu 2023.[16] Stqarr ukoll illi għalkemm l-intimat għamel xi ħlasijiet, inkluż wara l-ftuħ tal-kawża, sa' dakinhar tax-xhieda tiegħu (ossia' 15 ta' Marzu 2023) kien jifdal bilanċ ta' € 5,434.94[17]. Il-merkanzija li nbiegħet lill-intimat kienu jikkonsistu fi kċina (inkluż l-installazzjoni) u żewġ units tal-arja kundizzjonata.

5. Minkejja li l-kumpanija rikorrenti ppreżentat prospett aġġornat li juri li mill-ammont oriġinalment mitlub minnha kien saru żewġ pagamenti ta' € 400 il-wieħed wara l-ftuħ tal-kawża, għal xi raġuni jew oħra hija baqgħet ma rriduċitx is-sorti permezz ta' nota jew dikjarazzjoni fl-atti. Madanakollu jidher ċar illi l-ammont dovut

---

[13] Fol 6
[14] Fol 5
[15] Fol 7
[16] Fol 31. Ix-xhud ma kkonfermax l-kuntratt datat 10 ta' Ottubru 2016 iżda l-Qorti xorta ser tqis li dan id-dokument huwa prova ammissibbli stante illi fl-ebda stadju ma ġie kkuntestat mill-intimat.
[17] Fol 39

mill-intimat lir-rikorrenti fil-ġurnata tal-lum huwa dak ta' ħamest elef erba' mija erba' u tletin euro u erba' u disgħin ċenteżmu **(€ 5,434.94)**.

6. L-intimat ma ressaq l-ebda risposta u l-ebda prova matul il-prosegwiment tal-kawża.

7. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ftit għandha dubju illi t-talba tal-kumpanija rikorrenti hija ġustifikata u jistħoqqilha li tiġi akkolta fl-ammont ridott li jirriżulta mill-prospett aġġornat li ppreżentat.

8. Rigward l-imgħaxijiet, ir-rikorrenti talbet li dawn ikunu ta' natura kummerċjali skond l-Artikoli 26A sa 26E tal-Kodiċi tal-Kummerċ u d-Direttiva 2011/7EU. Il-Qorti ma taqbilx però illi l-imgħax dovut għandu ikun iżjed mill-imgħax legali ta' 8% dovut f'transazzjonijiet ta' natura ċivili. Dan qed jingħad għaliex l-Art. 26A sa 26E tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta japplikaw biss għal ħlasijiet li jsiru bħala rimunerazzjoni għal operazzjonijiet kummerċjali, li jitwettqu bejn intrapriżi privati u pubbliċi, bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi, u bejn kuntratturi prinċipali u l-fornituri u appaltaturi tagħhom mill-1 ta' Marzu, 2012.[18] Ma tressqet l-ebda prova illi l-intimat għandu jaqa' taħt id-definizzjoni ta' *"intrapriża"* ossia' li huwa kien qiegħed jwettaq xi attività independenti ekonomika jew professjonali.[19] Għalhekk r-rata tal-imgħax applikabbli hija dik li tgħodd għal djun ta' natura ċivili.

9. Rigward l-ispejjeż il-Qorti m'hijiex ser takkorda t-talba għar-risarċiment ta' dawk l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra ġudizzjarja bin-numru 2013/2019 billi dan la qatt ġiet ippreżentata fl-atti u lanqas qatt sar xi prova dwarha.

**Deċiżjoni**

10. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

    1. **tilqa' l-ewwel talba tal-kumpanija rikorrenti limitatament għas-somma ta' ħamest elef erba' mija erba' u tletin euro u erba' u disgħin ċenteżmu (€ 5,434.94) liema somma tirrappreżenta l-bilanċ tal- prezz ta' servizzi mogħtija u merkanzija konsenjati u mibjugħa lill-intimat fuq ordnijiet tiegħu stess;**

    2. **tilqa' t-tieni talba tal-kumpanija rikorrenti limitatament billi tikkundanna l-intimat iħallas dan l-ammont lill-kumpanija rikorrenti bl-imgħax legali fuq dan l-ammont dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament;**

[18] Art. 26B tal-Kap. 13
[19] Art. 26A tal-Kap. 13

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat ad esklużjoni però ta' dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali numru 2013/2019).**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |